MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 20/2011

**A B**
**vs**
**C D, l-Avukat Dottor Henry Antoncich**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer kuraturi**
**deputati nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill minuri E D,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi minn relazzjoni li kellu ma' l-intimata C D, twieldet tifla fis-27 ta' Novembru, 2010, E D, skond l-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. SH 1.

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata b' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 2010, hawn annessa u

mmarkata bhala Dok. SH 2 kif mitlub skont l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta debitament notifikata lill-intimata biex tipprezenta nota fejn tiddikjara illi qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata mhux biss baqghet inadempjenti imma b’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Jannar, 2011 iddifidatu milli jiehu kull azzjoni legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. SH 3.

3. Illi l-missier gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b’ att tat-twelid taht missier mhux maghruf.

4. Illi r-rikorrenti ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri E D hija l-bint naturali tar-rikorrenti A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appositi sabiex tigi stabbilita l-paternita’ tal-minuri.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri E D jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn l-att hemm referenza ghal konnotati ta’ missier it-tarbija, l-kliem “unknown father” jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati: “A B – karta ta’ l-identita’ numru 452469M – imwieled u residenti Sliema – iben Noel B (haj) u Margaret nee’ Sciberras (hajja).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Dicembru, 2010, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrefera ghall-artikoli 100A u 92[6] tal-Kap.16;

Rat li fl-udjenza tal-10 ta’ Mejju 2011 il-konvenuta C D iddikjarat li hi taqbel mat-talbiet attrici;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E, li twieldet mill-konvenuta C D fis-27 ta' Novembru 2010, u li fuq l-att tat-twelid taghha 3844/10 hija registrata bhala wild ta' missier mhux maghruf, hija fil-fatt it-tifla naturali u bijologika ta' l-attur; kif ukoll sabiex jigi korrett l-att tat-twelid fuq indikat.

Il-konvenuta qed taccetta dawn it-talbiet.

**Il-Fatti**
Illi l-attur jispjega li hu kellu relazzjoni mal-konvenuta C D, u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla fuq imsemmija; izda wara t-twelid tat-tarbija l-konvenuta tterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom u t-tifla giet registrata mill-konvenuta bhala bint ta' missier mhux maghruf.

Illi, ghalkemm l-attur ghamel il- procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap.16 sabiex jirrikonoxxi lit-tifla bhala bintu, il-konvenuta mhux biss baqghet inadempjenti izda permezz ta' ittra responsiva prezentata minnha fit-13 ta' Jannar 2011 [fol.6] hija ddifidatu milli jiehu kull azzjoni vessatorja fil-konfront taghha.

Illi pero' fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2011, il-konvenuta stqarret li r-relazzjoni li hi kellha ma' l-attur, u li estendiet minn Jannar 2010 sa Lulju 2010 kienet wahda esklussiva, u li f' dan il-perijodu l-konvenuta ma kellhiex relazzjonijiet intimi, hlief ma' l-attur.

Illi t-testijiet xjentifici tad-DNA jikkorroboraw it-tezi li t-tifla E li twieled mill-konvenuta fis-27 ta' Novembru 2010 hija fil-fatt il-wild naturali ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward l-ispejjez tal-proceduri odjerna, il-Qorti tosserva li, stante li mill-provi jirrizulta li l-konvenuta C D kienet taf li t-tifla hija bint l-attur, u stante li l-attur kien segwa bla success, tort tal-konvenuta, il-proceduri kontemplata fl-artikolu 86, allura l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom jgu sopportati unikament minnha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla E li twieldet mill-konvenuta C D fis-27 ta' Novembru 2010 hija l-wild naturali u bijologika ta' l-attur; tordna wkoll li l-att tat-twelid tal-minuri jigi korrett fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez kollha a kariku tal-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------